

Brussell, 4 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13132/22

STATIS 45
SOC 545
EMPL 374
EDUC 337
DELECT 176

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 6854 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 30.9.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja” (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 6854 final.

Mehmuż: C(2022) 6854 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2022
C(2022) 6854 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 30.9.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja”

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700¹ jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Ewropea li tadotta atti delegati li jispeċifikaw in-numru u t-titolu tal-varjabbli ta' settijiet tad-*data* statistika partikolari. Skont l-Artikolu 6(2), in-numru tal-varjabbli stabbilit fit-tali atti delegati ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5 % in-numru tal-varjabbli għal kull dominju diġà meħtieġ mill-Kummissjoni (Eurostat) meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.

L-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol (LFS) jinkludi LFS ewlieni u sistema li għal perjodu ta' tmien snin tgħaqqad sitt settijiet ta' varjabbli fuq tmien snin u żewġ suġġetti *ad hoc*. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/257² jistabbilixxi l-varjabbli tal-LFS ewlieni u l-ewwel sett ta' varjabbli fuq tmien snin, dwar is-sitwazzjoni tas-“suq tax-xogħol” tal-migranti u d-dixxendenti immedjati tagħhom, li għandhom jiġu implimentati għall-ewwel darba fl-2021. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1640³ jispeċifika n-numru u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* tal-2022 “hillet tax-xogħol” u l-varjabbli fuq tmien snin dwar “pensjoni u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol”, li għandhom jiġu implimentati għall-ewwel darba fl-2023.

Ir-Regolament delegat attwali jkopri n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin għas-settijiet tad-*data* fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“żgħażagħ fis-suq tax-xogħol” u l-“kisba edukattiva — dettalji, inkluż l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” (li għandha tiġi implimentata għall-ewwel darba fl-2024) u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja” (li għandha tiġi implimentata għall-ewwel darba fl-2025).

Ir-regolamenti delegati separati, li se jiġu adottati aktar tard, se jkopru ż-żewġ settijiet li jifdal ta' varjabbli fuq tmien snin, dwar l-“organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol” u l-“aċċidenti fuq ix-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol”, u s-suġġetti *ad hoc* li għandhom jiġu inklużi mill-2026.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Il-Kummissjoni wettqet il-konsultazzjonijiet xierqa dwar dan l-att delegat.

Ikkonsultat lill-esperti nazzjonali dwar l-abbozz tal-att delegat waqt il-laqgħat tal-esperti. F'Jannar 2022, ikkonsultat lid-Diretturi Ewropej tal-Istatistika Soċjali. Ikkonsultat ukoll lill-grupp ta' esperti tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

Il-Kummissjoni żammet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati kif xieraq dwar il-konsultazzjonijiet.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni (ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1).

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/257 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-forza tax-xogħol (ĠU L 54, 26.2.2020, p. 9).

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1640 tat-12 ta' Awwissu 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titlu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* tal-2022 “hillet tax-xogħol” u l-varjabbli ta' tmien snin dwar “pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol” fid-dominju tal-forza tax-xogħol (ĠU L 370, 6.11.2020, p. 1).

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament delegat għandu l-għan li jadotta n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja”, kif previst fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700.

F’konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, in-numru ta’ varjabbli li għandhom jinġabru kull sena flimkien mal-varjabbli trimestrali, annwali u biennali inklużi fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/2240 ma jridx jaqbeż b’aktar minn 5 % in-numru ta’ varjabbli miġbura għad-dominju tal-forza tax-xogħol meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.

L-att delegat ma għandu l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

L-att delegat jikkonċerna kwistjoni relatata maż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Għalhekk, jenħtieġ li japplika wkoll għaż-ŻEE.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 30.9.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja”

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex tkopri l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti fid-dominju tal-forza tax-xogħol, il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin li għandhom jinġabru għall-ewwel darba fis-snin 2024 u 2025.
- (2) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fuq is-suġġetti dettaljati fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja”,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

In-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fuq is-suġġetti dettaljati fid-dominju tal-forza tax-xogħol iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja” għandhom jiġu stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ ĠU L 261I, 14.10.2019, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30.9.2022

*Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN*